- (B) fil-kalkolu tar-rata komposta ta' tkabbir annwali msemija fis-subparagrafu (A), għandu jintuża l-konsum totali ta' ġobon fil-Ġappun kemm fis-sena fiskali li hija sentejn fiskali qabel l-ewwel sena fiskali tal-ħames snin fiskali segwenti kif ukoll fis-sena fiskali li hija seba' snin fiskali qabel l-ewwel sena fiskali tal-ħames snin fiskali segwenti; u
- (C) jekk ma jkunx hemm tkabbir pożittiv fil-konsum totali ta' ġobon fil-Ġappun matul is-sitt snin fiskali preċedenti, il-kwantità tal-kwota aggregata għal kull waħda mill-ħames snin segwenti għandha tibqa' fil-livell tal-aktar sena reċenti.

- (b) (i) Ir-rata inkwota tad-dazju doganali fuq oġġetti oriġinarji tal-Unjoni Ewropea kklassifikati taħt il-linja tariffarja 040610.020 għandha tiġi eliminata kif ġej:

Sena	Rata inkwota tad-dazju doganali (%)
1	21.0
2	19.6
3	18.2
4	16.8
5	15.4
6	14.0
7	12.6
8	11.2
9	9.8
10	8.4
11	7.0
12	5.6
13	4.2
14	2.8
15	1.4
16	0.0
Għas-17-il sena u għal kull sena sussegwenti, ir-rata inkwota tad-dazju doganali għandha tibqa' ta' zero.	

- (ii) Ir-rata inkwota tad-dazju doganali fuq oġġetti oriġinarji tal-Unjoni Ewropea kklassifikati taħt il-linji tariffarji 040610.090, 040640.090 u 040690.090 għandha tiġi eliminata kif ġej:

Sena	Rata inkwota tad-dazju doganali (%)
1	27.9
2	26.1
3	24.2
4	22.4
5	20.5
6	18.6
7	16.8
8	14.9
9	13.0
10	11.2
11	9.3
12	7.5
13	5.6
14	3.7
15	1.9
16	0.0
Għas-17-il sena u għal kull sena sussegwenti, ir-rata inkwota tad-dazju doganali għandha tibqa' ta' zero.	

- (iii) Ir-rata inkwota tad-dazju doganali fuq oġġetti oriġinarji tal-Unjoni Ewropea kklassifikati taħt il-linji tariffarji 040620.100 u 040630.000 għandha tiġi eliminata kif ġej:

Sena	Rata inkwota tad-dazju doganali (%)
1	37.5
2	35.0
3	32.5
4	30.0
5	27.5
6	25.0
7	22.5
8	20.0
9	17.5
10	15.0
11	12.5
12	10.0
13	7.5
14	5.0
15	2.5
16	0.0
Għas-17-il sena u għal kull sena sussegwenti, ir-rata inkwota tad-dazju doganali għandha tibqa' ta' zero.	

- (c) Ir-rata tad-dazju doganali fuq oġġetti oriġinarji tal-Unjoni Ewropea kklassifikati taħt il-linji tariffarji stabbiliti fis-subparagrafu (d) importati f'ammont li jaqbeż il-kwantità tal-kwota aggregata stabbilita fis-subparagrafu (a) għandha tiġi eskluża minn kwalunkwe impenn tariffarju taħt dan il-Ftehim.
- (d) Is-subparagrafi (a) sa (c) għandhom japplikaw għall-oġġetti oriġinarji kklassifikati taħt il-linji tariffarji 040610.020, 040610.090, 040640.090, 040620.100, 040630.000 u 040690.090.
- (e) It-TRQ-25 għandha tiġi amministrata mill-Ġappun, b'mod mhux diskriminatorju, permezz ta' proċedura ta' liċenzjar għall-importazzjoni fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel skont liema l-Ġappun għandu joħroġ ċertifikat ta' kwota tariffarja.

TAQSIMA C

Miżuri ta' salvagwardja agrikola

SUBTAQSIMA 1

Noti għat-Taqsima C

1. Din it-Taqsima tistabbilixxi:

- (a) l-oġġetti oriġinarji agrikoli li jistgħu jkunu soġġetti għal miżuri ta' salvagwardja agrikola skont il-paragrafu 2 tat-Taqsima A;
- (b) il-livelli skattaturi għall-applikazzjoni ta' tali miżuri; u
- (c) ir-rata massima ta' dazju doganali li tista' tiġi applikata fis-sena għal kull tali oġġett.

2. Minkejja l-Artikolu 2.8, il-Ġappun jista' japplika miżura ta' salvagwardja agrikola għall-oġġetti oriġinarji agrikoli kklassifikati taħt il-linji tariffarji indikati b'“SG1*”, “SG1**”, “SG2”, “SG3”, “SG4*”, “SG4**”, “SG5” jew “SG6” fil-Kolonna “Nota” fl-Iskeda tal-Ġappun. Il-Ġappun jista' japplika tali miżura biss taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din it-Taqsima u biss skont it-termini stabbiliti f'din it-Taqsima.
3. Jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din it-Taqsima jiġu ssodisfati, il-Ġappun jista', bħala miżura ta' salvagwardja agrikola, iżid ir-rata tad-dazju doganali fuq tali oġġett oriġinarju agrikolu sa livell li ma jaqbiżx l-inqas minn dawn:
 - (a) ir-rata tad-dazju doganali tal-pajjiż l-aktar iffavorit fis-seħħ fiż-żmien tal-applikazzjoni tal-miżura ta' salvagwardja agrikola;
 - (b) ir-rata tad-dazju doganali tal-pajjiż l-aktar iffavorit fis-seħħ fil-jum immedjatament qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim; u
 - (c) ir-rata tad-dazju doganali stabbilita f'din it-Taqsima.

4. Il-Ġappun għandu jimplimenta kwalunkwe miżura ta' salvagwardja agrikola b'mod trasparenti. Il-Ġappun għandu, fi żmien 60 jum mid-data tal-imposta tal-miżura ta' salvagwardja agrikola, jgħarraf lill-Unjoni Ewropea dwar dan bil-miktub u jipprovdi lill-Unjoni Ewropea b'data rilevanti dwar il-miżura. Il-Ġappun għandu, fuq talba bil-miktub tal-Unjoni Ewropea, iwieġeb għal mistoqsijiet speċifiċi mingħand l-Unjoni Ewropea u jipprovdilha informazzjoni inkluż permezz ta' e-mail, telekonferenza, vidjokonferenza u personalment, dwar l-applikazzjoni tal-miżura.
5. Għal ċertezza akbar, l-ebda miżura ta' salvagwardja agrikola ma tista' tiġi applikata jew tinżamm fi jew wara d-data li fiha r-rata tad-dazju doganali msemmija fis-subparagrafu 3(c) ta' din is-Subtaqsima tkun ta' żero.
6. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima:
 - (a) "sena fiskali" tfisser sena fiskali Ġappuniża li tibda fl-1 ta' April u li tintemm fil-31 Marzu ta' wara; u
 - (b) "perijodu ta' tliet xhur" tfisser perijodu:
 - (i) mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju;
 - (ii) mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru;

(iii) mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru; jew

(iv) mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu.

SUBTAQSIMA 2

Miżura ta' salvagwardja agrikola għaċ-ċanga

1. Skont il-paragrafu 2 tas-Subtaqsima 1, fir-rigward tal-oġġetti oriġinarji agrikoli kklassifikati taħt il-linji tariffarji indikati b'“SG1*” fil-Kolonna “Nota” fl-Iskeda tal-Ġappun (minn hawn 'il quddiem “oġġetti SG1*” f'din is-Subtaqsima) jew l-oġġetti agrikoli oriġinarji kklassifikati taħt il-linji tariffarji indikati b'“SG1**” fil-Kolonna “Nota” fl-Iskeda tal-Ġappun (minn hawn 'il quddiem “oġġetti SG1**” f'din is-Subtaqsima), il-Ġappun jista' japplika miżura ta' salvagwardja agrikola biss jekk il-volum aggregat ta' importazzjonijiet ta' daww l-oġġetti oriġinarji agrikoli mill-Unjoni Ewropea għal sena partikolari jaqbeż il-livell skattatur kif stabbilit hawn taħt:
 - (a) 43,500 tunnellata metrika għall-ewwel sena, ħlief kif previst fil-paragrafu 9;
 - (b) 44,278 tunnellata metrika għat-tieni sena;

- (c) 45,056 tunnellata metrika għat-tielet sena;
- (d) 45,833 tunnellata metrika għar-raba' sena;
- (e) 46,611 tunnellata metrika għall-ħames sena;
- (f) 47,389 tunnellata metrika għas-sitt sena;
- (g) 48,167 tunnellata metrika għas-seba' sena;
- (h) 48,944 tunnellata metrika għat-tmien sena;
- (i) 49,722 tunnellata metrika għad-disa' sena;
- (j) 50,500 tunnellata metrika għall-10 sena;
- (k) mill-11-il sena sal-15-il sena, għal kull sena, il-livell skattatur tas-sena preċedenti flimkien ma' 385 tunnellata metrika; u
- (l) mis-16-il sena, u għal kull sena, il-livell skattatur tas-sena preċedenti flimkien ma' 770 tunnellata metrika.

2. (a) Għal oġġetti SG1*, ir-rata tad-dazju doganali msemmija fis-subparagrafu 3(c) tas-Subtaqsima 1 għandha tkun kif ġej:
- (i) 38.5 fil-mija mill-ewwel sena sat-tielet sena;
 - (ii) 30.0 fil-mija mir-raba' sena sal-10 sena;
 - (iii) 20.0 fil-mija mill-11-il sena sal-14-il sena;
 - (iv) 18.0 fil-mija għall-15-il sena; u
 - (v) mis-16-il sena:
- (A) punt perċentwali inqas mir-rata tad-dazju doganali tas-sena preċedenti, jekk il-Ġappun ma kienx applika miżura ta' salvagwardja agrikola taħt din is-Subtaqsima fis-sena preċedenti; jew
 - (B) l-istess bħar-rata tad-dazju doganali tas-sena preċedenti, jekk il-Ġappun ikun applika miżura ta' salvagwardja agrikola taħt din is-Subtaqsima fis-sena preċedenti.

- (b) Għal oġġetti SG1**, ir-rata tad-dazju doganali msemmija fis-subparagrafu 3(c) tas-Subtaqsima 1 għandha tkun kif ġej:
- (i) 39.0 fil-mija għall-ewwel sena;
 - (ii) 38.5 fil-mija għat-tieni sena u għat-tielet sena;
 - (iii) 32.7 fil-mija għar-raba' sena;
 - (iv) 30.6 fil-mija għall-ħames sena;
 - (v) 30.0 fil-mija mis-6 sena sal-10 sena;
 - (vi) 20.0 fil-mija mill-11-il sena sal-14-il sena;
 - (vii) 18.0 fil-mija għall-15-il sena; u

(viii) mis-16-il sena:

- (A) punt perċentwali inqas mir-rata tad-dazju doganali tas-sena preċedenti, jekk il-Ġappun ma kienx applika miżura ta' salvagwardja agrikola taħt din is-Subtaqsima fis-sena preċedenti; jew
 - (B) l-istess bħar-rata tad-dazju doganali tas-sena preċedenti, jekk il-Ġappun ikun applika miżura ta' salvagwardja agrikola taħt din is-Subtaqsima fis-sena preċedenti.
- (c) Jekk il-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 tkun ġiet issodisfata f'sena waħda u, bħala riżultat ta' dan, ikun hemm miżura ta' salvagwardja agrikola fis-seħħ matul is-sena ta' wara skont is-subparagrafu 3(b) jew (c), ir-rata tad-dazju doganali msemmija fis-subparagrafu 3(c) tas-Subtaqsima 1 għall-fini ta' dik il-miżura ta' salvagwardja agrikola għandha, għat-tul ta' dik il-miżura, tiġi stabbilita fil-livell applikabbli għas-sena li fiha tkun ġiet issodisfata l-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1.

3. Miżura ta' salvagwardja agrikola msemija fil-paragrafu 1 tista' tinżamm:
- (a) jekk il-volum aggregat ta' importazzjonijiet mill-Unjoni Ewropea ta' oġġetti SG1* jew ta' oġġetti SG1** fi kwalunkwe sena fiskali jaqbeż il-livell skattatur stabbilit fil-paragrafu 1 qabel il-31 Jannar, sal-aħħar ta' dik is-sena fiskali;
 - (b) jekk il-volum aggregat ta' importazzjonijiet mill-Unjoni Ewropea ta' oġġetti SG1* jew ta' oġġetti SG1** fi kwalunkwe sena fiskali jaqbeż il-livell skattatur stabbilit fil-paragrafu 1 matul ix-xahar ta' Frar, għal perijodu ta' 45 jum li jibda mid-data tal-applikazzjoni tal-miżura ta' salvagwardja agrikola; u
 - (c) jekk il-volum aggregat ta' importazzjonijiet mill-Unjoni Ewropea ta' oġġetti SG1* jew ta' oġġetti SG1** fi kwalunkwe sena fiskali jaqbeż il-livell skattatur stabbilit fil-paragrafu 1 matul ix-xahar ta' Marzu, għal perijodu ta' 30 jum li jibda mid-data tal-applikazzjoni tal-miżura ta' salvagwardja agrikola.
4. (a) Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima, il-perijodu li matulu tista' tinżamm miżura ta' salvagwardja agrikola għandu jibda mhux aktar tard mill-jum wara l-ħames jum ta' negozju wara t-tmiem tal-perijodu ta' pubblikazzjoni msemmi fis-subparagrafu (c) li fih tkun ġiet issodisfata l-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1.

- (b) Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima, bħala miżura eċċezzjonali meħuda għall-implimentazzjoni ta' din is-Subtaqsima, l-amministrazzjoni doganali tal-Ġappun għandha, mhux aktar tard minn ħamest ijiem ta' negozju wara t-tmiem ta' kull perijodu ta' pubblikazzjoni, tippubblika l-volum aggregat ta' importazzjonijiet ta' oġġetti SG1* jew ta' oġġetti SG1** mill-Unjoni Ewropea bejn:
- (i) il-bidu tas-sena fiskali u t-tmiem tal-perijodu ta' pubblikazzjoni; u
 - (ii) mill-11-il sena sal-15-il sena, il-bidu tal-perijodu ta' tliet xhur u t-tmiem tal-perijodu ta' pubblikazzjoni.
- (c) Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima, “perijodu ta' pubblikazzjoni” tfisser:
- (i) il-perijodu mill-ewwel jum ta' kull xahar sal-10 jum ta' dak ix-xahar;
 - (ii) il-perijodu mill-11-il jum ta' kull xahar sal-20 jum ta' dak ix-xahar; u
 - (iii) il-perijodu mill-21 jum ta' kull xahar sal-aħħar jum ta' dak ix-xahar.

5. (a) Minkejja l-paragrafu 1, jekk, matul kwalunkwe sena mill-11-il sena sal-15-il sena, il-volum aggregat ta' importazzjonijiet ta' oġġetti SG1* jew ta' oġġetti SG1** mill-Unjoni Ewropea fi kwalunkwe perijodu ta' tliet xhur jaqbeż il-volum skattatur trimestrali ta' salvagwardja stabbilit fis-subparagrafu (b), il-Ġappun jista' jżid ir-rati tad-dazji doganali fuq tali oġġetti skont il-paragrafu 3 tas-Subtaqsima 1 għal perijodu ta' 90 jum. Il-perijodu ta' 90 jum għandu jibda mhux aktar tard mill-jum wara l-ħames jum ta' negozju wara t-tmiem tal-perijodu ta' pubblikazzjoni li fih il-kwantità aggregata ta' importazzjonijiet ta' tali oġġetti fil-perijodu ta' tliet xhur tkun qabżet il-volum skattatur trimestrali ta' salvagwardja. Jekk il-kundizzjoni stabbilita f'dan il-paragrafu tkun issodisfat ir-rata tad-dazju doganali msemmija fis-subparagrafu 3(c) tas-Subtaqsima 1 għandha tkun kif ġej:
- (i) 20.0 fil-mija mill-11-il sena sal-14-il sena; u
- (ii) 18.0 fil-mija għall-15-il sena.
- (b) Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, il-“volum skattatur trimestrali ta' salvagwardja” tfisser 117 fil-mija ta' kwart tal-livell skattatur stabbilit fil-paragrafu 1(k) għas-sena rispettiva.

(c) Minkejja l-paragrafu 1, jekk, matul xi sena mill-11-il sena sal-15-il sena, il-volum aggregat ta' importazzjonijiet ta' oġġetti SG1* jew ta' oġġetti SG1** mill-Unjoni Ewropea jaqbeż il-livell skattatur stabbilit fil-paragrafu 1(k) għas-sena rispettiva, u fl-istess ħin il-volum aggregat ta' importazzjonijiet ta' daww l-oġġetti mill-Unjoni Ewropea fil-perijodu ta' tliet xhur jaqbeż il-volum skattatur trimestrali ta' salvagwardja stabbilit fis-subparagrafu (b), il-Ġappun jista' jżomm miżura ta' salvagwardja agrikola skont din is-Subtaqsima sal-aħħar parti tat-tmiem tal-perijodu ta' 90 jum previst fis-subparagrafu (a) jew sat-tmiem tal-perijodi previsti fil-paragrafu 3.

6. Jekk, matul kwalunkwe erba' snin konsekuttivi wara l-15-il sena, il-Ġappun ma japplika ebda miżura ta' salvagwardja agrikola skont din is-Subtaqsima fuq oġġetti SG1*, il-Ġappun ma għandu japplika ebda miżura ta' salvagwardja agrikola ulterjuri taħt dan is-Subtaqsima fuq tali oġġetti. L-istess japplika għal oġġetti SG1**.

7. Minkejja l-paragrafu 1, jekk l-importazzjoni fil-Ġappun ta' oġġetti SG1* jew ta' oġġetti SG1** mill-Unjoni Ewropea tkun ġiet sospiża kompletament jew sostanzjalment għal aktar minn 36 xahar minħabba tħassib sanitarju, il-Ġappun ma għandux japplika miżura ta' salvagwardja agrikola taħt din is-Subtaqsima għal dawn l-oġġetti mill-Unjoni Ewropea għal 48 xahar wara t-tneħħija sħiħa jew sostanzjali tas-sospensjoni. Jekk l-importazzjoni ta' dawn l-oġġetti mill-Unjoni Ewropea tkun ġiet sospiża, u diżastru naturali, bħal nixfa severa, jfixkel l-irkupru tal-produzzjoni ta' tali oġġetti fl-Unjoni Ewropea, il-perijodu li fih il-Ġappun ma għandux japplika miżura ta' salvagwardja agrikola taħt din is-Subtaqsima għal tali oġġetti mill-Unjoni Ewropea għandu jkun ta' 60 xahar.
8. Il-Ġappun ma għandux japplika l-miżuri tariffarji ta' emerġenza fuq iċ-ċanga msemija fl-Artikolu 7.5 tal-Liġi dwar il-Miżuri Tariffarji Temporanji tal-Ġappun (Liġi Nru.36 tal-1960) għal oġġetti SG1*.
9. Jekk l-ewwel sena tkun ta' inqas minn 12-il xahar, il-livell skattatur applikabbli għall-ewwel sena għall-finijiet tas-subparagrafu 1(a) għandu jiġi stabbilit bil-multiplikazzjoni ta' 43,500 tunnellata metrika bi frazzjoni li n-numeratur tagħha għandu jkun l-għadd ta' xhur bejn id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u l-31 ta' Marzu ta' wara u d-denominatur tagħha għandu jkun ta' 12. Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-livell skattatur applikabbli skont is-sentenza preċedenti, kwalunkwe frazzjoni ta' inqas minn 1.0 għandha tiġi mqarrba għall-eqreb numru sħiħ (fil-każ ta' 0.5, il-frazzjoni għandha tiġi mqarrba għal 1.0).

SUBTAQSIMA 3

Miżura ta' salvagwardja agrikola għal-laħam tal-majjal

1. Skont il-paragrafu 2 tas-Subtaqsima 1, fir-rigward tal-oġġetti oriġinarji agrikoli kklassifikati taħt il-linji tariffarji indikati b'“SG2” fil-Kolonna “Nota” fl-Iskeda tal-Ġappun (minn hawn 'il quddiem “oġġetti SG2” f'din is-Subtaqsima), il-Ġappun jista' japplika miżura ta' salvagwardja agrikola biss jekk tkun issodisfat il-kundizzjoni li ġejja:
 - (a) fl-ewwel sena u fit-tieni sena, ħliet kif previst fil-paragrafu 6, il-Ġappun jista' japplika miżura ta' salvagwardja agrikola taħt din is-Subtaqsima għal oġġetti SG2 biss jekk il-volum aggregat ta' importazzjonijiet ta' oġġetti SG2 mill-Unjoni Ewropea għas-sena rispettiva jaqbeż il-112 fil-mija tal-akbar volum aggregat annwali ta' importazzjonijiet ta' oġġetti SG2 mill-Unjoni Ewropea matul xi waħda mit-tliet snin fiskali preċedenti;
 - (b) fit-tielet sena u fir-raba' sena, il-Ġappun jista' japplika miżura ta' salvagwardja agrikola taħt din is-Subtaqsima għal oġġetti SG2, biss jekk il-volum aggregat ta' importazzjonijiet ta' oġġetti SG2 mill-Unjoni Ewropea għas-sena rispettiva jaqbeż il-116 fil-mija tal-akbar volum aggregat annwali ta' importazzjonijiet ta' oġġetti SG2 mill-Unjoni Ewropea matul xi waħda mit-tliet snin fiskali preċedenti;

(c) fil-ħames sena u fis-sitt sena:

- (i) Il-Ġappun jista' japplika miżura ta' salvagwardja agrikola taħt din is-Subtaqsima għal oġġetti SG2 importati bi prezz daqs il-prezz limitu¹ jew oġġetti minnu għal dawk l-oġġetti SG2, biss jekk il-volum aggregat ta' importazzjonijiet ta' dawk l-oġġetti SG2 mill-Unjoni Ewropea għas-sena rispettiva jaqbeż il-116 fil-mija tal-akbar volum aggregat annwali ta' importazzjonijiet ta' dawk l-oġġetti SG2 mill-Unjoni Ewropea matul xi waħda mit-tliet snin fiskali preċedenti; jew
- (ii) Il-Ġappun jista' japplika miżura ta' salvagwardja agrikola taħt din is-Subtaqsima għal oġġetti SG2 importati bi prezz inqas mill-prezz limitu għal dawk l-oġġetti SG2, biss jekk il-volum aggregat ta' importazzjonijiet ta' dawk l-oġġetti SG2 mill-Unjoni Ewropea għas-sena rispettiva jaqbeż:

(A) 63,000 tunnellata metrika għall-ħames sena; u

¹ Għall-finijiet tas-subparagrafi (c) u (d), "prezz limitu" tfisser:

- (a) 399 jenn Ġappun iż għal kull kilogramma għall-oġġetti oriġinarji agrikoli kklassifikati taħt il-linji tariffarji 020312.021, 020312.023, 020319.021, 020319.023, 020322.021, 020322.023, 020329.021, 020329.023, 020630.092, 020630.093, 020649.092 u 020649.093; u
- (b) 299.25 jenn Ġappun iż għal kull kilogramma għall-oġġetti oriġinarji agrikoli kklassifikati taħt il-linji tariffarji 020311.020, 020311.030, 020321.020 u 020321.030.

(B) 71,400 tonnelli metriku għas-sitt sena; u

(d) mis-7 sena sal-11-il sena:

- (i) Il-Ġappun jista' japplika miżura ta' salvagwardja agrikola taħt din is-Subtaqsima għal oġġetti SG2 importati bi prezz daqs il-prezz limitu jew ogħla minnu għal dawk l-oġġetti SG2, biss jekk il-volum aggregat ta' importazzjonijiet ta' dawk l-oġġetti SG2 mill-Unjoni Ewropea għas-sena rispettiva jaqbeż il-119 fil-mija tal-akbar volum aggregat annwali ta' importazzjonijiet ta' dawk l-oġġetti SG2 mill-Unjoni Ewropea matul xi waħda mit-tliet snin fiskali preċedenti; jew
- (ii) Il-Ġappun jista' japplika miżura ta' salvagwardja agrikola taħt din is-Subtaqsima għal oġġetti SG2 importati bi prezz inqas mill-prezz limitu għal dawk l-oġġetti SG2, biss jekk il-volum aggregat ta' importazzjonijiet ta' dawk l-oġġetti SG2 mill-Unjoni Ewropea għas-sena rispettiva jaqbeż:

(A) 79,800 tonnelli metriku għas-seba' sena;

(B) 88,200 tonnelli metriku għat-tmien sena;

(C) 96,600 tonnelli metrika għad-disa' sena;

(D) 105,000 tonnelli metrika għall-10 sena; u

(E) 105,000 tonnelli metrika għall-11-il sena.

2. Għal oġġetti SG2, ir-rata tad-dazju doganali msemmija fis-subparagrafu 3(c) tas-Subtaqsima 1 għandha tkun kif ġej:

(a) għal oġġetti SG2 oriġinarji kklassifikati taħt il-linji tariffarji 020311.040, 020312.022, 020319.022, 020321.040, 020322.022, 020329.022 020630.099 u 020649.099:

(i) 4.0 fil-mija mill-ewwel sena sat-tielet sena;

(ii) 3.4 fil-mija mir-raba' sena sas-sitt sena;

(iii) 2.8 fil-mija mis-seba' sena sad-disa' sena; u

(iv) 2.2 fil-mija fl-10 sena u fl-11-il sena;

- (b) għal oġġetti SG2 kklassifikati taħt il-linji tariffarji 020312.021, 020312.023, 020319.021, 020319.023, 020322.021, 020322.023, 020329.021, 020329.023, 020630.092, 020630.093, 020649.092 u 020649.093, l-inqas minn:
- (i) id-differenza bejn il-prezz CIF tal-importazzjoni għal kull kilogramma u l-Ewwel Prezz Standard tal-Importazzjoni ta' Salvagwardja¹; u
- (ii) l-ewwel rata alternattiva²; u

¹ Għall-finijiet tas-subparagrafu 2(b), "L-Ewwel Prezz Standard tal-Importazzjoni ta' Salvagwardja" tfisser prezz ugwali għal 524 jenn Ġappuniż għal kull kilogramma mmultiplikat bis-somma ta' 100 fil-mija u r-rata tad-dazju doganali stabbilita fis-subparagrafu (a) għas-sena rispettiva.

² Għall-finijiet ta' dan is-subparagrafu (b), "l-ewwel rata alternattiva" tfisser:

(a) ir-rata tad-dazju doganali speċifikata fl-Iskeda tal-Ġappun għal-linji tariffarji 020312.023, 020319.023, 020322.023, 020329.023, 020630.093 jew 020649.093 mill-ewwel sena sar-raba' sena;

(b) 100 jenn Ġappuniż għal kull kilogramma mill-ħames sena sad-disa' sena; u

(c) 70 jenn Ġappuniż għal kull kilogramma għall-10 sena u għall-11-il sena.

(c) għal oġġetti SG2 kklassifikati taħt il-linji tariffarji 020311.020, 020311.030, 020321.020 u 020321.030, l-inqas minn:

(i) id-differenza bejn il-prezz CIF tal-importazzjoni għal kull kilogramma u t-Tieni Prezz Standard tal-Importazzjoni ta' Salvagwardja¹; u

(ii) it-tieni rata alternattiva²;

3. Kwalunkwe miżura ta' salvagwardja agrikola applikata taħt din is-Subtaqsima tista' tinżamm biss sal-aħħar tas-sena li fiha tkun ġiet issodisfat il-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1.

¹ Għall-finijiet tas-subparagrafu (c), "It-Tieni Prezz Standard tal-Importazzjoni ta' Salvagwardja" tfisser prezz ugwali għal 393 jenn Ġappuniż għal kull kilogramma mmultiplikata bis-somma ta' 100 fil-mija u r-rata tad-dazju doganali stabbilita fis-subparagrafu 2(a) għas-sena rispettiva.

² Għall-finijiet tas-subparagrafu (c), "it-tieni rata alternattiva" tfisser:

- (a) ir-rata tad-dazju doganali speċifikata fl-Iskeda tal-Ġappun għal-linji tariffarji 020311.020 jew 020321.020 mill-ewwel sena sar-raba' sena;
- (b) 75 jenn Ġappuniż għal kull kilogramma mill-ħames sena sad-disa' sena; u
- (c) 52.5 jenn Ġappuniż għal kull kilogramma għall-10 sena u għall-11-il sena.

4. Il-Ġappun ma għandu japplika jew iżomm ebda miżura ta' salvagwardja agrikola taħt din is-Subtaqsima wara t-tmiem tal-11-il sena.
5. Il-Ġappun ma għandux japplika l-miżuri tariffarji ta' emerġenza fuq il-laħam tal-majjal imsemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 7.6 tal-Liġi dwar il-Miżuri Tariffarji Temporanji tal-Ġappun (Liġi Nru.36 tal-1960) għal oġġetti SG2.
6. Jekk l-ewwel sena tkun ta' inqas minn 12-il xahar, il-livell skattatur applikabbli stabbilit fil-paragrafu 1 għal oġġetti SG2 mill-Unjoni Ewropea għall-ewwel sena għall-finijiet tas-subparagrafu 1(a) għandu jiġi determinat bil-multiplikazzjoni ta' 112 fil-mija tal-akbar volum aggregat annwali ta' importazzjonijiet ta' oġġetti SG2 mill-Unjoni Ewropea matul kwalunkwe waħda mit-tliet snin fiskali preċedenti bi frazzjoni li n-numeratur tagħha għandu jkun l-għadd ta' xhur bejn id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u l-31 ta' Marzu ta' wara u d-denominatur tagħha għandu jkun ta' 12. Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-livell skattatur applikabbli skont is-sentenza preċedenti, kwalunkwe frazzjoni ta' inqas minn 1.0 għandha tiġi mqarriba għall-eqreb numru sħiħ (fil-każ ta' 0.5, il-frazzjoni għandha tiġi mqarriba għal 1.0).

SUBTAQSIMA 4

Miżura ta' salvagwardja agrikola għal-laħam tal-majjal ipproċessat

1. Skont il-paragrafu 2 tas-Subtaqsima 1, fir-rigward tal-oġġetti oriġinarji agrikoli kklassifikati taħt il-linji tariffarji indikati b'“SG3” fil-Kolonna “Nota” fl-Iskeda tal-Ġappun (minn hawn 'il quddiem “oġġetti SG3” f'din is-Subtaqsima), il-Ġappun jista' japplika miżura ta' salvagwardja agrikola biss jekk tkun issodisfat il-kundizzjoni li ġejja:
 - (a) fl-ewwel sena u fit-tieni sena, ħliet kif previst fil-paragrafu 6, il-Ġappun jista' japplika miżura ta' salvagwardja agrikola taħt din is-Subtaqsima għal oġġetti SG3 biss jekk il-volum aggregat ta' importazzjonijiet ta' oġġetti SG3 mill-Unjoni Ewropea għas-sena rispettiva jaqbeż il-115 fil-mija tal-akbar volum aggregat annwali ta' importazzjonijiet ta' oġġetti SG3 mill-Unjoni Ewropea matul xi waħda mit-tliet snin fiskali preċedenti;
 - (b) mit-tielet sena sas-sitt sena, il-Ġappun jista' japplika miżura ta' salvagwardja agrikola taħt din is-Subtaqsima għal oġġetti SG3 biss jekk il-volum aggregat ta' importazzjonijiet ta' oġġetti SG3 mill-Unjoni Ewropea għas-sena rispettiva jaqbeż il-118 fil-mija tal-akbar volum aggregat annwali ta' importazzjonijiet ta' oġġetti SG3 mill-Unjoni Ewropea matul xi waħda mit-tliet snin fiskali preċedenti; u

- (c) mis-7 sena sal-11-il sena, il-Ġappun jista' japplika miżura ta' salvagwardja agrikola taħt din is-Subtaqsima għal oġġetti SG3 biss jekk il-volum aggregat ta' importazzjonijiet ta' oġġetti SG3 mill-Unjoni Ewropea għas-sena rispettiva jaqbeż il-121 fil-mija tal-akbar volum aggregat annwali ta' importazzjonijiet ta' oġġetti SG3 mill-Unjoni Ewropea matul xi waħda mit-tliet snin fiskali preċedenti.

- 2. (a) Għal oġġetti SG3, ir-rata tad-dazju doganali msemmija fis-subparagrafu 3(c) tas-Subtaqsima 1 għandha tkun kif ġej:

- (i) 85 fil-mija tar-rata normattiva mill-ewwel sena sar-raba' sena;
- (ii) 60 fil-mija tar-rata normattiva mill-ħames sena sad-disa' sena; u
- (iii) 45 fil-mija tar-rata normattiva għall-10 sena u għall-11-il sena.

(b) Għall-finijiet tas-subparagrafu 2(a), ir-rata normattiva għandha tkun magħmula minn komponent ta' dazju *ad valorem* u komponent ta' dazju speċifiku, li kull wieħed minnhom għandu jitnaqqas għall-perċentwali identifikati fis-subparagrafu (a) sabiex tiġi determinata r-rata tad-dazju doganali msemmija fis-subparagrafu 3(c) tas Subtaqsima 1. Il-komponent tad-dazju *ad valorem* tar-rata normattiva għandu jkun ta' 8.5 fil-mija, u l-komponent tad-dazju speċifiku għandu jkun ugwali għal 614.85 jenn Ġappuniż għal kull kilogramma nieqes 60 fil-mija tal-prezz CIF tal-importazzjoni għal kull kilogramma tal-oġġett SG3 rispettiv.

3. Kwalunkwe miżura ta' salvagwardja agrikola applikata taħt din is-Subtaqsima tista' tinżamm biss sal-aħħar tas-sena li fiha tkun ġiet issodisfat il-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1.
4. Il-Ġappun ma għandu japplika ebda miżura ta' salvagwardja agrikola taħt din is-Subtaqsima wara t-tmiem tal-11-il sena.

5. Il-Ġappun ma għandux japplika l-miżuri tariffarji ta' emerġenza fuq il-laħam tal-majjal imsemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 7.6 tal-Liġi dwar il-Miżuri Tariffarji Temporanji tal-Ġappun (Liġi Nru.36 tal-1960) għal oġġetti SG3.
6. Jekk l-ewwel sena tkun ta' inqas minn 12-il xahar, il-livell skattatur applikabbli stabbilit fil-paragrafu 1 għal oġġetti SG3 mill-Unjoni Ewropea għall-ewwel sena għall-finijiet tas-subparagrafu 1(a) għandu jiġi determinat bil-multiplikazzjoni ta' 115 fil-mija tal-akbar volum aggregat annwali ta' importazzjonijiet ta' oġġetti SG3 mill-Unjoni Ewropea matul kwalunkwe waħda mit-tliet snin fiskali preċedenti bi frazzjoni li n-numeratur tagħha għandu jkun l-għadd ta' xhur bejn id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u l-31 ta' Marzu ta' wara u d-denominatur tagħha għandu jkun ta' 12. Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-livell skattatur applikabbli skont is-sentenza preċedenti, kwalunkwe frazzjoni ta' inqas minn 1.0 għandha tiġi mqarrba għall-eqreb numru sħiħ (fil-każ ta' 0.5, il-frazzjoni għandha tiġi mqarrba għal 1.0).

SUBTAQSIMA 5

Miżura ta' salvagwardja agrikola għal koncentraci ta' proteini tax-xorrox (WPC)

1. Skont il-paragrafu 2 tas-Subtaqsima 1, fir-rigward tal-oġġetti oriġinarji agrikoli kklassifikati taħt il-linji tariffarji indikati b'“SG4*” fil-Kolonna “Nota” fl-Iskeda tal-Ġappun, il-Ġappun jista' japplika miżura ta' salvagwardja agrikola biss jekk il-volum aggregat ta' importazzjonijiet ta' dawg l-oġġetti oriġinarji agrikoli mill-Unjoni Ewropea għal sena partikolari jaqbeż il-livell skattatur kif stabbilit hawn taħt:
 - (a) 2,000 tunnellata metrika għall-ewwel sena, ħlief kif previst fil-paragrafu 6;
 - (b) 2,133 tunnellata metrika għat-tieni sena;
 - (c) 2,267 tunnellata metrika għat-tielet sena;
 - (d) 2,400 tunnellata metrika għar-raba' sena;
 - (e) 2,533 tunnellata metrika għall-ħames sena;
 - (f) 2,667 tunnellata metrika għas-sitt sena;

- (g) 2,800 tunnellata metrika għas-seba' sena;
- (h) 2,933 tunnellata metrika għat-tmien sena;
- (i) 3,067 tunnellata metrika għad-disa' sena;
- (j) 3,200 tunnellata metrika għall-10 sena;
- (k) 3,544 tunnellata metrika għall-11-il sena;
- (l) 3,888 tunnellata metrika għat-12-il sena;
- (m) 4,232 tunnellata metrika għat-13-il sena;
- (n) 4,690 tunnellata metrika għall-14-il sena;
- (o) 5,148 tunnellata metrika għall-15-il sena;
- (p) 5,606 tunnellata metrika għas-16-il sena;
- (q) 6,064 tunnellata metrika għas-17-il sena;

- (r) 6,522 tunnellata metrika għat-18-il sena;
- (s) 6,980 tunnellata metrika għad-19-il sena;
- (t) 7,438 tunnellata metrika għall-20 sena; u
- (u) mill-21 sena, għal kull sena, il-livell skattatur tas-sena preċedenti flimkien ma' 573 tunnellata metrika.

2. Għall-oġġetti oriġinarji agrikoli kklassifikati taħt il-linji tariffarji indikati b'“SG4*”, ir-rata tad-dazju doganali msemmija fis-subparagrafu 3(c) tas-Subtaqsima 1 għandha tkun kif ġej:

- (a) 29.8 fil-mija flimkien ma' 120 jenn Ġappuniż għal kull kilogramma mill-ewwel sena sal-ħames sena;
- (b) 23.8 fil-mija flimkien ma' 105 jenn Ġappuniż għal kull kilogramma mis-6 sena sal-10 sena;
- (c) 19.4 fil-mija flimkien ma' 90 jenn Ġappuniż għal kull kilogramma mill-11-il sena sal-15-il sena;

(d) 13.4 fil-mija flimkien ma' 75 jenn Ġappuniż għal kull kilogramma mis-16-il sena sal-20 sena; u

(e) mill-21 sena:

(i) jekk fis-sena preċedenti ma tkunx ġiet applikata miżura ta' salvagwardja agrikola stabbilita f'din is-Subtaqsima, il-komponent tad-dazju ad valorem tar-rata tad-dazju doganali għandu jkun ta' 1.9 fil-mija inqas minn dak tas-sena preċedenti u l-komponent tad-dazju speċifiku tar-rata tad-dazju doganali għandu jkun ta' 10.7 jenn Ġappuniż għal kull kilogramma inqas minn dak tas-sena preċedenti; jew

(ii) jekk fis-sena preċedenti tkun ġiet applikata miżura ta' salvagwardja agrikola stabbilita f'din is-Subtaqsima, il-komponent tad-dazju ad valorem tar-rata tad-dazju doganali għandu jkun ta' 1.0 fil-mija inqas minn dak tas-sena preċedenti u l-komponent tad-dazju speċifiku tar-rata tad-dazju doganali għandu jkun ta' 5.0 jenn Ġappuniż għal kull kilogramma inqas minn dak tas-sena preċedenti;

3. Kwalunkwe miżura ta' salvagwardja agrikola applikata taħt din is-Subtaqsima tista' tinżamm biss sal-aħħar tas-sena li fiha tkun ġiet issodisfat il-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1.

4. Jekk, matul kwalunkwe tliet snin konsekuttivi wara l-20 sena, il-Ġappun ma japplikax miżura ta' salvagwardja agrikola skont din is-Subtaqsima, il-Ġappun ma għandu japplika ebda miżura ta' salvagwardja agrikola ulterjuri taħt dan is-Subtaqsima.
5. (a) Minkejja l-paragrafu 1, il-Ġappun ma għandu japplika ebda miżura ta' salvagwardja agrikola taħt din is-Subtaqsima jekk:
 - (i) ikun hemm nuqqas domestiku ta' trab tal-ħalib xkumat fil-Ġappun; jew
 - (ii) ma jkun hemm ebda tnaqqis dimostrabbli fid-domanda domestika għat-trab tal-ħalib xkumat fil-Ġappun.
- (b) Jekk il-Ġappun japplika miżura ta' salvagwardja agrikola taħt din is-Subtaqsima iżda l-Unjoni Ewropea tkun tal-fehma li tkun issodisfat xi waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fis-subparagrafu (a), l-Unjoni Ewropea tista':
 - (i) titlob lill-Ġappun jipprovdi spjegazzjoni għaliex ma jqisx li ma għet issodisfat ebda kundizzjoni stabbilita fis-subparagrafu (a); u

(ii) titlob lill-Ġappun iwaqqaf l-applikazzjoni tal-miżura ta' salvagwardja agrikola għall-bqija tas-sena.

6. Jekk l-ewwel sena tkun ta' inqas minn 12-il xahar, il-livell skattatur applikabbli għall-ewwel sena għall-finijiet tas-subparagrafu 1(a) għandu jiġi stabbilit bil-multiplikazzjoni ta' 2,000 tunnellata metrika bi frazzjoni li n-numeratur tagħha għandu jkun l-għadd ta' xhur bejn id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u l-31 ta' Marzu ta' wara u d-denominatur tagħha għandu jkun ta' 12. Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-livell skattatur applikabbli skont is-sentenza preċedenti, kwalunkwe frazzjoni ta' inqas minn 1.0 għandha tiġi mqarrba għall-eqreb numru sħiħ (fil-każ ta' 0.5, il-frazzjoni għandha tiġi mqarrba għal 1.0).

SUBTAQSIMA 6

Miżura ta' salvagwardja agrikola għat-trab tax-xorrox

1. Skont il-paragrafu 2 tas-Subtaqsima 1, fir-rigward tal-oġġetti oriġinarji agrikoli kklassifikati taħt il-linji tariffarji indikati b'“SG4**” fil-Kolonna “Nota” fl-Iskeda tal-Ġappun, il-Ġappun jista' japplika miżura ta' salvagwardja agrikola biss jekk il-volum aggregat ta' importazzjonijiet ta' dawk l-oġġetti oriġinarji agrikoli mill-Unjoni Ewropea għal sena partikolari jaqbeż il-livell skattatur kif stabbilit hawn taħt:
 - (a) 2,300 tunnellata metrika għall-ewwel sena, ħlief kif previst fil-paragrafu 5;
 - (b) 2,456 tunnellata metrika għat-tieni sena;
 - (c) 2,611 tunnellata metrika għat-tielet sena;
 - (d) 2,767 tunnellata metrika għar-raba' sena;
 - (e) 2,922 tunnellata metrika għall-ħames sena;

- (f) 3,078 tunnellata metrika għas-sitt sena;
- (g) 3,233 tunnellata metrika għas-seba' sena;
- (h) 3,389 tunnellata metrika għat-tmien sena;
- (i) 3,544 tunnellata metrika għad-disa' sena;
- (j) 3,700 tunnellata metrika għall-10 sena;
- (k) 3,929 tunnellata metrika għall-11-il sena;
- (l) 4,158 tunnellata metrika għat-12-il sena;
- (m) 4,502 tunnellata metrika għat-13-il sena;
- (n) 4,846 tunnellata metrika għall-14-il sena;
- (o) 5,190 tunnellata metrika għall-15-il sena; u
- (p) mis-16-il sena, u għal kull sena, il-livell skattatur tas-sena preċedenti flimkien ma' 458 tunnellata metrika.

2. Għall-oġġetti oriġinarji agrikoli kklassifikati taħt il-linji tariffarji indikati b'“SG4**”, ir-rata tad-dazju doganali msemmija fis-subparagrafu 3(c) tas-Subtaqsima 1 għandha kif ġej:
- (a) 29.8 fil-mija flimkien ma' 75 jenn Ġappuniż għal kull kilogramma mill-ewwel sena sal-ħames sena;
 - (b) 23.8 fil-mija flimkien ma' 45 jenn Ġappuniż għal kull kilogramma mis-6 sena sal-10 sena;
 - (c) 13.4 fil-mija flimkien ma' 30 jenn Ġappuniż għal kull kilogramma mill-11-il sena sal-15-il sena; u
 - (d) mis-16-il sena:
 - (i) jekk fis-sena preċedenti ma tkunx ġiet applikata miżura ta' salvagwardja agrikola stabbilita f'din is-Subtaqsima, il-komponent tad-dazju ad valorem tar-rata tad-dazju doganali għandu jkun ta' 2.0 fil-mija inqas minn dak tas-sena preċedenti u l-komponent tad-dazju speċifiku tar-rata tad-dazju doganali għandu jkun ta' 4.0 jenn Ġappuniż għal kull kilogramma inqas minn dak tas-sena preċedenti; jew

- (ii) jekk fis-sena preċedenti tkun ġiet applikata miżura ta' salvagwardja agrikola stabbilita f'din is-Subtaqsima, il-komponent tad-dazju ad valorem tar-rata tad-dazju doganali għandu jkun ta' 1.0 fil-mija inqas minn dak tas-sena preċedenti u l-komponent tad-dazju speċifiku tar-rata tad-dazju doganali għandu jkun ta' 2.0 jenn Ġappuniż għal kull kilogramma inqas minn dak tas-sena preċedenti;
3. Kwalunkwe miżura ta' salvagwardja agrikola applikata taħt din is-Subtaqsima tista' tinżamm biss sal-aħħar tas-sena li fiha tkun ġiet issodisfat il-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1.
4. Jekk, matul kwalunkwe sentejn konsekuttivi wara l-15-il sena, il-Ġappun ma japplikax miżura ta' salvagwardja agrikola skont din is-Subtaqsima, il-Ġappun ma għandu japplika ebda miżura ta' salvagwardja agrikola ulterjuri taħt dan is-Subtaqsima.
5. Jekk l-ewwel sena tkun ta' inqas minn 12-il xahar, il-livell skattatur applikabbli għall-ewwel sena għall-finijiet tas-subparagrafu 1(a) għandu jiġi stabbilit bil-multiplikazzjoni ta' 2,300 tunnellata metrika bi frazzjoni li n-numeratur tagħha għandu jkun l-għadd ta' xhur bejn id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u l-31 ta' Marzu ta' wara u d-denominatur tagħha għandu jkun ta' 12. Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-livell skattatur applikabbli skont is-sentenza preċedenti, kwalunkwe frazzjoni ta' inqas minn 1.0 għandha tiġi mqarrba għall-eqreb numru sħiħ (fil-każ ta' 0.5, il-frazzjoni għandha tiġi mqarrba għal 1.0).

SUBTAQSIMA 7

Miżura ta' salvagwardja agrikola għal-larinġ frisk

1. Skont il-paragrafu 2 tas-Subtaqsima 1, fir-rigward tal-oġġetti oriġinarji agrikoli kklassifikati taħt il-linji tariffarji indikati b'“SG5” fil-Kolonna “Nota” fl-Iskeda tal-Ġappun, il-Ġappun jista' japplika miżura ta' salvagwardja agrikola biss jekk il-volum aggregat ta' importazzjonijiet ta' dawk l-oġġetti oriġinarji agrikoli mill-Unjoni Ewropea bejn l-1 ta' Diċembru u l-31 ta' Marzu ta' wara għas-sena fiskali jaqbeż il-2,000 tunnellata metrika, ħlief kif previst fil-paragrafu 5.
2. Għall-oġġetti oriġinarji agrikoli kklassifikati taħt il-linji tariffarji indikati b'“SG5”, ir-rata tad-dazju doganali msemija fis-subparagrafu 3(c) tas-Subtaqsima 1 għandha tkun kif ġej:
 - (a) 28 fil-mija mill-ewwel sena sar-raba' sena; u
 - (b) 20 fil-mija mill-ħames sena sas-seba' sena.
3. Kwalunkwe miżura ta' salvagwardja agrikola applikata taħt din is-Subtaqsima tista' tinżamm biss sal-aħħar tas-sena li fiha tkun ġiet issodisfat il-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1.

4. Il-Ġappun ma għandu japplika ebda miżura ta' salvagwardja agrikola taħt din is-Subtaqsima wara t-tmiem tas-seba' sena.
5. Jekk l-ewwel sena tkun ta' inqas minn erba' xhur, il-livell skattatur applikabbli stabbilit fil-paragrafu 1 għall-ewwel sena għall-finijiet tas-subparagrafu 1(a) għandu jiġi determinat bil-multiplikazzjoni ta' 2,000 tunnellata metrika bi frazzjoni li n-numeratur tagħha għandu jkun l-għadd ta' xhur bejn id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u l-31 ta' Marzu ta' wara u d-denominatur tagħha għandu jkun ta' 4. Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-livell skattatur applikabbli skont is-sentenza preċedenti, kwalunkwe frazzjoni ta' inqas minn 1.0 għandha tiġi mqarriba għall-eqreb numru sħiħ (fil-każ ta' 0.5, il-frazzjoni għandha tiġi mqarriba għal 1.0).

SUBTAQSIMA 8

Miżura ta' salvagwardja agrikola għaż-żwiemel tat-tlielaq

1. Skont il-paragrafu 2 tas-Subtaqsima 1, fir-rigward tal-oġġetti oriġinarji agrikoli kklassifikati taħt il-linji tariffarji indikati b'“SG6” fil-Kolonna “Nota” fl-Iskeda tal-Ġappun, il-Ġappun jista' japplika miżura ta' salvagwardja agrikola biss jekk il-prezz CIF tal-importazzjoni għal kull oġġett oriġinarju agrikolu, espress f'jenn Ġappuniż, huwa ta' inqas minn 90 fil-mija tal-prezz skattatur. Il-prezz skattatur għandu jkun il-prezz li jkun ġie miftiehem skont il-paragrafu 4, jew ta' 10.7 miljun jenn Ġappuniż jekk ma jkunx hemm ftehim speċifiku dwar il-prezz skattatur skont il-paragrafu 4.

2. Għall-oġġetti oriġinarji agrikoli kklassifikati taħt il-linji tariffarji indikati b'“SG6”, ir-rata tad-dazju doganali msemija fis-subparagrafu 3(c) tas-Subtaqsima 1 għandha tkun ir-rata tad-dazju doganali determinata għal daww l-oġġetti oriġinarji agrikoli skont il-kategorija “B15” kif stabbilit fis-subparagrafu 1(x) tat-Taqsima A flimkien ma’:
- (a) jekk id-differenza bejn il-prezz CIF tal-importazzjoni għal kull oġġett oriġinarju agrikolu u l-prezz skattatur tkun ta’ aktar minn 10 fil-mija iżda ta’ 40 fil-mija jew inqas mill-prezz skattatur, 30 fil-mija tad-differenza bejn ir-rata tad-dazju doganali tal-pajjiż l-aktar iffavorit applikata fiż-żmien tal-importazzjoni u r-rata tad-dazju doganali applikata għall-oġġetti oriġinarji agrikoli skont il kategorija “B15” kif stabbilit fis-subparagrafu 1(x) tat-Taqsima A;
 - (b) jekk id-differenza bejn il-prezz CIF tal-importazzjoni għal kull oġġett oriġinarju agrikolu u l-prezz skattatur tkun ta’ aktar minn 40 fil-mija iżda ta’ 60 fil-mija jew inqas mill-prezz skattatur, 50 fil-mija tad-differenza bejn ir-rata tad-dazju doganali tal-pajjiż l-aktar iffavorit applikata fiż-żmien tal-importazzjoni u r-rata tad-dazju doganali applikata għall-oġġetti oriġinarji agrikoli skont il kategorija “B15” kif stabbilit fis-subparagrafu 1(x) tat-Taqsima A;

- (c) jekk id-differenza bejn il-prezz CIF tal-importazzjoni għal kull oġġett oriġinarju agrikolu u l-prezz skattatur tkun ta' aktar minn 60 fil-mija iżda ta' 75 fil-mija jew inqas mill-prezz skattatur, 70 fil-mija tad-differenza bejn ir-rata tad-dazju doganali tal-pajjiż l-aktar iffavorit applikata fiż-żmien tal-importazzjoni u r-rata tad-dazju doganali applikata għall-oġġetti oriġinarji agrikoli skont il kategorija "B15" kif stabbilit fis-subparagrafu 1(x) tat-Taqsima A; u
- (d) jekk id-differenza bejn il-prezz CIF tal-importazzjoni għal kull oġġett oriġinarju agrikolu u l-prezz skattatur tkun ta' aktar minn 75 fil-mija tal-prezz skattatur, id-differenza bejn ir-rata tad-dazju doganali tal-pajjiż l-aktar iffavorit applikata fiż-żmien tal-importazzjoni u r-rata tad-dazju doganali applikata għall-oġġetti oriġinarji agrikoli skont il kategorija "B15" kif stabbilit fis-subparagrafu 1(x) tat-Taqsima A.
3. Il-Ġappun ma għandu japplika ebda miżura ta' salvagwardja agrikola taħt din is-Subtaqsima wara t-tmiem tal-15-il sena.
4. Fuq talba tal-Unjoni Ewropea, il-Ġappun u l-Unjoni Ewropea għandhom jikkonsultaw dwar l-operat tal-miżura ta' salvagwardja agrikola stabbilita f'din is-Subtaqsima u jistgħu jaqblu b'mod reċiproku li jivvalutaw perjodikament u jaġġornaw il-prezz skattatur.
-